**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Xerri)**

**vs**

**Titouan Robin Malo Billaud**

**Illum, 11 t'April 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

"Titouan Robin Malo Billaud, detentur tal-passaport Franċiż bin-numru 18AP24952;

Akkużat talli nhar is-06 ta' Frar tas-sena 2019, għall-ħabta tas-sitta nieqsin kwart ta' filgħodu (05:45hrs), fi triq Mikiel Ang Borg, fil-lokalita' ta' San Ġiljan, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' PS780 Ian Camilleri f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' PS 780 Ian Camilleri, persuna li huwa uffiċjal

pubbliku u persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, liema ġrieħi huma ta' natura gravi; (Art. 214, 215, 216, 222 (1) (ċ) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Akkużat aktar talli fl-istess data, ħin, lok, u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għħall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti; (Art. 96 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Akkużat aktar talli fl-istess data, ħi, lok, u ċikostanzi, inġurja, jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; (Art. 95, tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta)"

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputat l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni ta’ l-imputat fi stadju bikri tal-proċeduri, iżda qed tqis ukoll il-gravità tar-reati minnu kommessi, kif ukoll iċ-ċirkostanzi li taw lok għal dan il-każ u l-fedina penali netta tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 28A, 95, 96, 214, 215, 216, 222 (1) (ċ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat ħati u wara li qieset iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ **tikkundanna lill-imputat** għal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jiġu sospiżi għal erba’ snin u (2) **tikkundanna lill-imputat** ghall-multa fl-ammont ta’ erbat elef Ewro (€4,000).

Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-imputat l-import u konsegwenzi ta’ din is-sentenza u x’jiġri f’każ li ma jottemporax ruħu ma’ din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg
Deputat Registratur